**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**4/18**

**Minuti tar-raba' (4) Laqgħa b'Urġenza tat-tmintax–il sena (Is-Sitt Kunsill) tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa 8 ta' Frar 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi - | Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman- | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u skużati** | Is-Sur Carmel Camilleri - | Kunsillier (bl-ittre - unforeseen circumstances) |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja - | Kunsillier (bl-ittre - xogħol) |
| **Assenti:** | Is-Sur Ronald Briffa - | Viċi Sindku (bla ittre) |

**Mistiedna:** L-Accountant Is-Sinj. Romina Perici Ferrante

**Il-laqgħa bdiet fis-6.10 pm**

**Agenda:** ***'Budget 2012'***
***'Financial Statement'***

1 Il-laqgħa bdiet bit-talba fis-6.10 ta' filgħaxija.

2 Budget 2012

2.1 Is-Sinj Louise Anne Gusman iċċirkulat l-kopji tal-Baġit 2012 lill-Kunsilleri preżenti. Is-Sur Stephen Sultana staqsa minn fejn irriżulta t-30% '*grant'* mil-Gvern Ċentrali. Is-Sindku, s-Sur Horace J Anastasi informa lill-Kunsillieri preżenti li hu u l-Perit Anthony Bezzina u, wara mas-Sur Clayton Damato (għax il-Perit kien imsiefer) kienu tkellmu mal-Onor. Dott. Chris Said fejn kien ikkonfermalhom lill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera kien se jingħata 30%. Is-Sur Anastasi sostna li il-Kunsill ser jieħu 30% tal PPP u, minn tmien (8) snin ser jinħadmu fuq erba' (4) snin u li bħalha flus kienu ser jibqgħu l-istess. Hawnhekk

l-*Accountant* is-Sinj Romina Perici Ferrante spjegat kif ser jinqassmu l-ħlasijiet. Is-Sur Anastasi kompla jispjega li għal Triq Misrah il-Barrieri, il-flus kienu jinkludu bis-servizzi b'kollox. Is-Sur Sultana qal li suppost il-Kunsill kellu jinnegozja mal-Water Services Corp u is-Sur Anastasi qal li hu ser jibqa' jinnegozja sal-aħħar.

2.2 Is-Sinj Perici Ferrante kompliet tispjega l-Baġit għal din is-sena u li Triq Misrah il-Barrieri hija ffissata għal Jannar tas-sena 2013. Il-kuntratt tal-PPP huwa għall-5 toroq u dwar Misraħ Santa Venera se nippruvaw nibbenefikaw mill-fondi tal-*UIF*. Is-Sinj. Perici Ferrante stqarret lill-Baġit ser ikopri l-ispejjeż tal-Perit u s-servizzi kollha.

2.3 Is-Sur Sultana stqar li kien kontra li jsiru t-toroq meta l-ispejjeż se jitħallew għal Sindki oħra. Is-Sur Anastasi reġa' spjega l-andament tal-PPP u li min-naħa tiegħu jidher biċ-ċar li qed jaħdem b'galbu liema bħalu. Hawn is-Sindku staqsa lis-Sur Sultana jekk kienx se jaċċetta li jmur quddiem il-Vendrini u jgħidilhom x'kien qed jirrimarka s-Sur Sultana, jiġifieri, biex ma jsirux dawn it-toroq. Hawn il-Baġit 2012 mar għall-Vot. Dawk kontra kienu Is-Sur Sultana u s-Sur Edwin Formosa u, dawk favur kienu s-Sur Anastasi u s-Sinj Mariella Micallef. Is-Sindku uza l-*'casting vote'* u l-Baġit 2012 għadda. Is-Sur Sultana qal li mhuwiex kontra t-toroq iżda, kontra l-PPP.

3 Il-laqgħa spiċċat fis-6.50 ta' filgħaxija. Is-Sur Sultana kien informa lis-Sindku fil-bidu tal-laqgħa sabiex jiġi skużat għall-kumplament tal-laqgħa u għal-laqgħa ta' wara minħabba raġuni familjari.

4 Peress lil-laqgħa spiċċat bla kworum ġiet aġġornota għat-Tlieta 14 ta' Frar fil-5.30 ta' filgħaxija.

Is-Sur Horace J Anastasi
Is-Sindku

Is-Sinj Louise-Anne Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati Illum, it-Tnejn, 11 ta' Ġunju, 2012.